2025/1749

13.8.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1749

tat-12 ta' Awwissu 2025

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit fil-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew minn żona jew minn kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, prodotti ġerminali u prodotti ta' oriġini mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji, jew minn żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom biex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Fil-31 ta' Lulju 2025, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar żewġ tifqigħat ġodda tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam fil-kontej ta' Devon u Norfolk, l-Ingilterra, li ġew ikkonfermati fit-30 ta' Lulju 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Fl-1 ta' Awwissu 2025, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ġdida tal-HPAI fil-pollam fil-kontea ta' Aberdeenshire, l-Iskozja, li ġiet ikkonfermata fl-1 ta' Awwissu 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(7) Fis-7 ta' Awwissu 2025, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ġdida oħra tal-HPAI fil-pollam fil-kontea ta' Norfolk, l-Ingilterra, li ġiet ikkonfermata fis-6 ta' Awwissu 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(8) Wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtorità veterinarja tar-Renju Unit stabbiliet żoni ristretti ta' mill-anqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentat politika ta' qerda biex tikkontrolla l-preżenza tal-HPAI u tillimita t-tixrid ta' dik il-marda.

(9) Ir-Renju Unit issottometta informazzjoni ulterjuri lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom, u dwar il-miżuri meħuda biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI wara dawn it-tifqigħat riċenti tal-HPAI.

(10) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit, id-dħul fl-Unjoni tal-konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa miż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat jenħtieġ li jiġi sospiż biex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu d-dati ta' meta ġew ikkonfermati t-tifqigħat. Għalhekk, l-entrati għar-Renju Unit fit-tabelli stabbiliti fit-Taqsima B, il-Parti 1 u fil-Parti 2 tal-Anness V, u fit-tabella stabbilita fit-Taqsima B, il-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(11) Barra minn hekk, ir-Renju Unit ta informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tiegħu fir-rigward tal-HPAI li fl-imgħoddi wasslet għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni tal-konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(12) Fis-6 ta' Awwissu 2025, ir-Renju Unit ippreżenta informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħa fir-rigward ta' tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fil-kontea ta' Pembrokeshire, Wales li ġiet ikkonfermata fit-23 ta' Ġunju 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(13) Ir-Renju Unit informa lill-Kummissjoni li wara dik it-tifqigħa tal-HPAI, implimenta politika ta' qerda biex jikkontrolla u jillimita t-tixrid ta' dik il-marda, kif ukoll lesta t-tindif u d-diżinfezzjoni meħtieġa wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbiliment tal-pollam infettat.

(14) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mir-Renju Unit, u jidhrilha li ta garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjoni tad-dħul tal-konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa fl-Unjoni miż-żona affettwata, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex toħloq theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jerġa' jiġi awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni affettwati tar-Renju Unit, li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni. Għalhekk, l-entrati għal dak il-pajjiż terz fit-tabella stabbilita fit-Taqsima B, il-Parti 1 u fil-Parti 2 tal-Anness V, u fit-tabella stabbilita fit-Taqsima B, il-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(15) Filwaqt li jitqiesu it-tifqigħat riċenti tal-HPAI fir-Renju Unit, u sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn fil-kummerċ ma' dak il-pajjiż terz, l-emendi li jridu jsiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'mod urġenti.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Awwissu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B, l-entrata għar-Renju Unit hija emendata kif ġej:

(i) ir-ringiela għaż-żona GB-2.383 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.383	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		23.6.2025	5.8.2025"

(ii) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.386 sa GB-2.389 wara r-ringiela għaż-żona GB-2.385:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.386	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		30.7.2025	
	GB-2.387		N, P1		30.7.2025	
	GB-2.388		N, P1		1.8.2025	
	GB-2.389		N, P1		6.8.2025"	

(b) fil-Parti 2, fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjonijiet li ġejjin għaż-żoni GB-2.386 sa GB-2.389 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.385:

"Ir-Renju Unit	GB-2.386	near Tiverton, Mid Devon, Devon, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N50.99 and Long: W3.52
	GB-2.387	near Attleborough, Breckland, Norfolk, England, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N52.48 Long: E0.95
	GB-2.388	near Banff, Aberdeenshire, Scotland, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N57.63 and Long: W2.58
	GB-2.389	near Attleborough, Breckland, Norfolk, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N52.49 and Long: E0.93"

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B, l-entrata għar-Renju Unit hija emendata kif ġej:

(a) ir-ringiela għaż-żona GB-2.383 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.383	POU, RAT	N, P1		23.6.2025	5.8.2025
		GBM	P1		23.6.2025	5.8.2025"

(b) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.386 sa GB-2.389 wara r-ringiela għaż-żona GB-2.385:

“**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.386	POU, RAT	N, P1		30.7.2025	
		GBM	P1		30.7.2025	
	GB-2.387	POU, RAT	N, P1		30.7.2025	
		GBM	P1		30.7.2025	
	GB-2.388	POU, RAT	N, P1		1.8.2025	
		GBM	P1		1.8.2025	
	GB-2.389	POU, RAT	N, P1		6.8.2025	
		GBM	P1		6.8.2025”	